# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 29**

**Avviz numru 161/97/SM**

**Davmar Holdings Limited**

**vs**

**Paul Pace u b'digriet tad-19 ta' Gunju ta' l-1998 il-konjugi Carmen u Anthony Pace gew kjamati in kawza**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-31 ta' Jannar ta' l-1997 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut Paul Pace quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hamsin Lira Maltin (LM350.00,0), rapprezentanti l-import komplessiv ta' seba' (7) kambjali b'impar ta' hamsin lira Maltin (LM50.00,0) kull wiehed, liema kambjali gew minnu accetati favur is-socjeta' attrici u minnu kkonsenjati lill-istess**

**socjeta' attrici liema kambjali skadew u mmaturaw;**

2. **Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala rispettiva sad-data tal-pagament effettiv;**

3. **Int ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Pace datata t-8 t'April ta' l-1997 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi fl-ewwel lok il-konvenut ma huwiex il-legittimu kontradittur stante illi l-kambjalijiet indikati fl-avviz ma gewx iffirmati minnu izda mill-genituri tieghu Carmen u Anthony Pace;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-obbligazzjoni kontrattwali hija nulla stante illi saret ma' persuna taht it-tmintax-il sena;**

3. **Illi fil-mertu l-oggett mibjugh konsistenti f'computer ma kienx tal-kwalita' patwitta u ghalhekk l-ammont mitlub fl-avviz ma huwiex dovut;**

4. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat iz-19 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz tieghu ikkjamat in kawza lill-konjugi Carmen u Anthony Pace;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonjiet ta' l-imsemmija konjugi Pace, kjamati in kawza datata l-20 t'Ottubru ta' l-1998 li eccepew is-segwenti:**

1. **Illi l-obbligazzjoni kontrattwali li saret abbazi tal-kambjali mahruga hija nulla stante illi saret ma' persuna ta' taht it-tmintax-il sena;**

2. **Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-oggett li gie mibjugh ma kienx tal-**

kwalita’ patwita u ghalhekk l-ammont mitlub fl-avviz ma huwiex dovut;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat id-decizjoni preliminari ta’ din il-qorti datata t-18 ta’ Novembru ta’ l-1999;

Semghet it-trattazzjoni orali fuq il-mertu mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi fil-meritu, l-procedura odjerna tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi a bazi ta’ skema ta’ sussidju tal-kummissjoni handikappati, Paul Pace, iben minuri tal-konjugi Pace kjamati in kawza, flimkien ma l-istess genituri tieghu, xtara kompjuter minghand is-socjeta’ attrici;

2. Illi l-bejgh gie konkluz u gew iffirmati diversi kambjali, li seba’ minnhom huma l-meritu tal-procedura odjerna;

3. Illi dawn il-kambjali gew iffirmati liberament minn Paul Pace, il-konvenut, u mill-genituri tieghu, il-kjamati in kawza;

4. Illi stante li s-socjeta’ attrici ghadha ma thalsitx l-ammont dovut hekk sottoskritt, allura ittiehdet din il-procedura;

Ikkonsidrat:

Illi ghalkemm il-kjamati in kawza jirrizulta li ipprovaw joffuskaw din il-procedura billi jallegaw diversi

**lanjanzi ghandu immedjatament jinghad li din il-procedura hi ta' l-hekk maghrufa "actio cambiaria" u l-ebda problematika ulterjuri m'ghandha tithalla tintrometti ruhha ghall-ahjar rizoluzzjoni tal-kaz;**

**Illi l-posizzjoni tal-konvenut Paul Pace gia giet rizoluta permezz tad-decizjoni preliminari ta' din il-qorti fuq riferita;**

**Illi fil-meritu jibqa' ghalhekk biex tigi analizata l-posizzjoni tal-kjamati in kawza;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi f'dan ir-rigward jirrizulta s-segwenti:**

1. **Illi l-genituri kjamati in kawza liberament iffirmaw tmien (8) kambjali favur is-socjeta' attrici;**

2. **Illi minn dawn il-kambjali l-konvenuti jirrizulta li hallsu wahda biss;**

3. **Illi kull kambjala kienet ghall-ammont ta' hamsin Lira Maltin, (LM50.00,0);**

4. **Illi s-socjeta' attrici pprezentat biss hamsa (5) mis-seba' (7) kambjali fil-pussess taghha stante li tnejn (2) intilfu;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghaldqastant din il-qorti tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamati in kawza Anthony u Carmen Pace u dan kemm ghall-kambjali in dizamina prodotti f'din il-procedura, u ghal dak li jirrigwarda z-zewg kambjali mitlufin ukoll stante li fic-cirkostanzi l-kjamati in kawza arrikkew ruhom ingustament, u allura tikkundanna lil Anthony u Carmen konjugi Pace biex ihallsu tlett mija u hamsin Lira Maltin, (LM350.00,0), kif mitluba fl-avviz odjern, bl-ispejjez u bl-imghax legali hemm indikati.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**